# 4. “JIENA SEJJAHTLEK BIEX TIDHOL HAWN F’DAN IL-KUNVENT”

Hija terrqet minn Ostrówek ghal Varsavja  biex tfittex kunvent li jaccettaha, imma kull fejn habbtet ghalqulha l-bieb ma’ wiccha. Fl-ahhar hija waslet fid-dar tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet tas-Sinjura tal-Hniena. Ma kellhiex xi dehra li timpressjona, figura dghajfa, qaddejja u koka , u ebda dota.

Xejn specjali ma kellha u ma kienitx xi persuna li tidher li ser



tipprometti. Hekk iddeskrivietha l-Madre Małgorzata Gimbutt fl-ewwel laqgha taghha mal-kandidata futura lil Madre Generali Leonarda Cielecka, li ma kellhiex hegga li taccetta fil-Kongregazzjoni taghha nies ta’ dak il-livell. Il-Madre Michaela Moraczewska, superjura fid-dar ta’ Varsavja li kienet prezenti waqt il-konversazzjoni, talbet biex tkellem lill-kandidata. Hija kienet diga rat lil Helenka minn bejn il-bieb imbexxaq u l-ewwel impatt tal- futura soru kien wiehed negattiva, hekk li gieha l-hsieb li tibghatha minn fejn giet, imma biddlet hsiebha ghaliex qalet bejnha u bejn ruhha li tkun haga karittatevoli jekk qabel titkellem maghha. Waqt il-

konversazzjoni hija studjat il-kandidata ta' quddiemha f'dawl ahjar u riedet idahhalha. Talbet ghalhekk lit-tfajla li tmur u tistaqsi lil Sid il-kunvent jekk riedx jaccettaha. Helenka gharfet li dan kien ifisser li kellha tmur fil-kappella. Talbet bil-herqa u waqt it-talb taghha semghet lehen jghidilha: "Iva, jiena naccettak. Inti tinsab fil-Qalb Tieghi." (Djarju 14) Meta rritornat fis-sala, irrepetiet dawn il-kliem lill-Madre Superjura li qaltilha li jekk is-Sinjur accettak, jiena wkoll naccettak. Pero' Helenka kellha svantagg ghaliex hija ma kellhiex dota u l-Madre Sperjura talbitha biex ghal ftit taz-zmien tahdem biex iggemma' id-dota, filwaqt li bis-sahha ta' hekk tipprovaha jekk kienitx soda fil-vokazzjoni taghha.

Fl-ahhar, fl-1 ta' Awwisu tas-sena 1925, il-vgili tal-Festa tas-Sinjura Regina ta' l-Angli, Helenka Kowalaska dahlet fil-kunvent. Fid-djarju taghha hija tistqarr li kienet thossha immensament ferhana bhallikieku rifest il-genna. Hija fahhret lil Alla ghal din il-grazzja li taha. Imma wara tlett gimghat biss fil-kunvent innotat li ftit kien hemm hin ghat-talb u riedet li timxi f'kunvent iehor fejn kienet hemm ordni aktar stretta. Filghaxija meta kienet timtedd ma' l-art biex titlob rat lil wicc torturat ta'  Gesu' u staqsietu minn kien li haqru hekk bil-kbir. "Huwa inti li ser igghalni  nghaddi minn din it-tbatija jekk thalli dan il-kunvent", wegibha Gesu'. " Huwa f'dan il-post li rridek toqghod u mkien iehor. U ghalik hejjet grazzji kbar." (Djarju 19) Hija skuzat ruhha u mmedjatament biddlet id-decizzjoni taghha li titlaq.

Wara biss ftit gimghat fil-kunvent il-Madre Superjura baghtet lil postulanta Helenka flimkien ma' zewg sorijiet ohra gewwa Skolimow biex jiehdu ftit sahhithom li kienet marret xi ftit lura minhabba s-sawn strett prattikat fid-dar taghhom. Meta kienet Skolimow hija staqsiet lil Gesu' ghal min riedha titlob. Bi twegiba hija kellha dehra tal-purgatorju, li fih rat erwieh ibatu l-akbar turmenti billi kienu jixtieq ferm li jinghaqdu ma' Alla. Fil-qieh ta' qalbha semghet dawn il-kelmiet: " Il-Hniena Tieghi ma tridx dan, imma l-Gustizzja tieghi titlob

dan (Djaru 20)" Minn dak il-mument 'l quddiem Helenka talbet b'mod l-aktar ferventi ghal erwieh tal-Purgatorju.

Madre Janina Olga Bartkiewicz li kienet dik li tmexxi l-postulanti ghall-hajja religjuza kellha qalb kbira ghal dawk li kellha kura taghhom, izda fl-istess hin kienet tmexxihom b'dixxiplina kbira. Fuq Helenka kienet tghid li din kellha hajja interjuri ghaliha u li Gesu' zgur kellu ghal qalbu din ir-ruh ckejkna. Swor Szymona Nalewajk, li kienet postulanta fl-istess zmien u ma' Helenka kienet tammiraha li kienet tghaddi minn umiljazzjonijiet minghajr ma tgerger.

Din l-imgieba kienet kollha frott tal-fidi li kellha Helenka u l-hsieb kontinwu li tghogob lil Gesu' u tintelaq b'tama kbira f'Alla l-Missier bhalma Gesu' halla ruhu f'Idejh meta kien fuq is-salib u anke matul hajtu.

Helenka ghaddiet l-ahhar xhur tal-postulentat taghha fid-dar tan-novizzi gewwa Krakow, fejn waslet fit-23 ta' Jannar tas-sena 1926. Il-madre tan-novizzi f'dak iz-zmien kienet Madre Małgorzata Gimbutt, persuna ta' talb u penitenza li gharfet tiggwida s-sorijiet zaghzagh bl-ezempju ta' hajjitha. Kienet hija li hejjiet li Helenka biex tiehu l-velu u tmexxiha fid-direzzjoni ta' qdusija fl-ewwel xhur tan-novizzjat taghha.